MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2004

Numru 16/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Abraham Zammit)**

**vs**

**CLINT SHEAD**

**Illum 29 ta' Jannar, 2004**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Clint Shead ta' 21 sena bin Raymond u Rachel nee` Ciappara imwieled Pieta` fl-27 ta' Jannar 1983 u joqghod Blokk 13, Flat 3, Triq il-Liedna Santa Lucia u detentur ta' karta ta' l-dentita` b'numru 100883(M) gie akkuzat:

Talli f'Sta. Lucia 16 Gunju 2001 ghal habta ta' 8.00pm ikkommetta serq ta' oggetti minn vettura numru HAP-251 li 'l-valur taghhom huwa aktar minn mitt lira Maltin (Lm130) ghad-dannu ta' John Farrugia, liema serq huwa aggravat b'natura tal-haga misruqa, bil-mezz u bil-valur ghad-detriment ta' John Farrugia.

Barra minnhekk, volontarjament ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe f'karozza numru HAP-251 ghad-dannu ta' John Farrugia, liema hsara ma taccedix il-hamsin lira Maltin (Lm45) imma hija aktar minn ghaxar liri Maltin.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali Dok. AB1 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li rega' gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati.

Innutat li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta ta' llum li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Innutat ukoll li fl-istess Verbal l-imputat, filwaqt li skuza ruhu ta' dak li ghamel, iddikjara li qed jobbliga ruhu li fi zmien xahrejn millum ihallas lil John Farrugia l-ammont ta' Lm45 u li l-parte civile John Farrugia ddikjara li qed jaccetta li jithallas mill-imputat is-somma ta' Lm45 fi zmien xahrejn millum.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 261 (g), (b) u (c), 263 (a), 264 (1), 267, 271 (g), 278 (3), 279 (a), 280 (2), 281 (a) u 325 (c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Clint Shead, fuq ammissjoni, hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta ta' llum li l-imputat ikkopera mal-Pulizija, li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, il-fedina penali tal-imputat u li fl-istess Verbal tas-Seduta ta' llum l-imputat filwaqt li skuza ruhu ta' dak li ghamel iddikjara li qed jobbliga ruhu li fi zmien xahrejn millum ihallas lil John Farrugia l-ammont ta' Lm45 u li l-parte civile John Farrugia ddikjara li qed jaccetta li jithallas mill-imputat is-somma ta' Lm45 fi zmien xahrejn millum, tillibera lill-istess imputat taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet (3) snin millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Clint Shead l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------